Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5425/23
ADD 1
LIMITE
PV CONS 1
ECOFIN 46

PUBLIC

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

17 ta' Jannar 2023

PUBLIC

## WERREJ

Paġna

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Programm ta' ħidma tal-presidenza ........ 3

4. Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ........ 3

5. Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ..... 3

6. Semestru Ewropew 2023 ........ 4
   a) Konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2023
   b) Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023
   c) Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

7. Affarijiet oħra ........ 4

<u>**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**</u>

3. **Programm ta' ħidma tal-presidenza** [3]
*Preżentazzjoni mill-Presidenza*
*Skambju ta' fehmiet*

<u>Il-Presidenza</u> ppreżentat lill-ministri l-prijoritajiet tagħha fil-qasam tal-ECOFIN.

4. **Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**
*Skambju ta' fehmiet*

<u>Il-Kunsill</u> kellu skambju ta' fehmiet dwar il-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

5. **Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** [C](*) 16022/22 15903/22
(Bażi legali: Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza)
*Adozzjoni*

<u>Il-Kunsill</u> adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu kif tinsab fid-dokument 16022/22.



PUBLIC

**6. Semestru Ewropew 2023**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a)** | **Konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2023** | | 5038/23<br>5040/1/23 REV 1 |
| **b)** | **Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023** | [C] | 5041/23<br>5042/23 |
| **c)** | **Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro** | | |

*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva:

a) il-konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2023, kif jinsabu fid-dokument 5038/23;

b) il-konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, kif jinsabu fid-dokument 5040/1/23 REV1;

c) l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro kif jinsab fid-dokument 5041/23, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew għall-approvazzjoni;

d) in-nota ta' spjegazzjoni fid-dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2023 kif tinsab fid-dokument 5042/23.

**7. Affarijiet oħra**

Ma tqajjem l-ebda punt taħt din l-intestatura.

---

[3] Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

PUBLIC